# IL-VOKAZZJONI






**Vokazzjoni hi kelma li ta’ min tħobb l-aktar
għax hi is-sinjal ta’ kemm int importanti
f’għajnejn Alla.
Hi l-indiċi ta’ kemm inti togħġob Lilu,
tal-ħajja fraġli tiegħek.
Iva, għax ladarba jsejjaħlek ifisser li Hu jħobbok.
Int togħġbu, m’hemmx dubbju.
Qalb folla nies storbjuża jinstema’ isem: tiegħek!
Stagħġib ġenerali.
Ħadd ma kien ħaseb fik. Hu iva!**

**Quddiem il-mikrofoni tal-istorja,
jafdalek biċċa xogħol tal-qies għaliH!
Iva għaliH, mhux għalik.
Aktar milli missjoni,
din iżjed hija mħatra.
Imħatra fuq il-faqar tiegħek.**

**Kiteb inħobbok fuq il-blat,
mhux fuq ir-ramel,
bħal f’kanzunetti antiki.
U maġenbhom poġġa ismek.
Forsi ħolmu bil-lejl,
fil-lejl tiegħek.”** ***Don Tonino Bello***





# PARROĊĊA TA’ ĦAL SAFI
# KONVERŻJONI TA’ SAN PAWL
**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## INTOM IL-MELĦ TAL-ART, INTOM ID-DAWL TAD-DINJA

***Ilna Sena bir-realtà tal-COVID-19 magħna!***

Forsi ħsibna li kellu jkun żmien li jgħaddi pjuttost malajr, imma issa ormaj diġa ilna sena għaddejjin minn dan iż-żmien stramb u li xejn mhu faċli: ir-restrizzjonijiet ikkawżati mill-pandemija, il-bidliet fix-xogħol u fir-rutina, il-laqgħat *online* kemm minħabba xogħol u kemm minħabba tagħlim, eċċ., żgur li qed iħallu effett kbir fuq ħajjitna. U f’sitwazzjonijiet bħal dawn, l-iktar ħaġa faċli tkun li ningħalqu fina nfusna u d-dinja tagħna ssir biss dak li jinfluwenza lilna, dak li b’xi mod jew ieħor iħalli effett dirett fuq ħajjitna. Iżda minkejja dan kollu, xi drabi nisimgħu b’persuni li bit-talenti u l-altruwiżmu tagħhom jippruvaw iġibu xaqq ta’ tama fil-ħajja tal-oħrajn, anke f’dawn iż-żminijiet.

***Storja ta’ Tama***

Ftit ilu, fl-Ingilterra, eżattament f’Londra, fi blokka appartamenti, żagħżugħ jismu Giorgio Lo Porto sema’ mill-ħajt diviżorju lill-ġar tiegħu idoqq il-pjanu. Giorgio fettillu jħalli nota taħt il-bieb tal-ġar biex idoqqlu kanzunetta li hu kien iħobb. U l-ġar misterjuż, għax Giorgio qatt ma kien iltaqa’ miegħu, obda u ssodisfa dik ix-xewqa. Giorgio, li kien pjanist huwa wkoll, iddeċieda li jistaqsi lill-ġar biex jagħmlu dwett, minn darhom, u bil-ħajt bejniethom. Huwa beda jdoqq fis-2:00pm u x’ħin spiċċa hu, kompla l-ġar. Biż-żmien, dawn id-dwetti ta’ waranofsinhar saru appuntament regolari għal tmiem il-ġimgħa.

Wara diversi ġimgħat iżommu kumpanija lil xulxin bil-mużika, fl-aħħar iż-żewġt irġiel iltaqgħu. Il-pjanist misterjuż kien Pollakk ta’ 78 sena jismu Emil, li kien mar joqgħod ġo dak l-appartament sa ma jbigħ id-dar tiegħu. Kien tilef lil martu f’Diċembru 2020 minħabba l-Covid u kulma kien żamm kien il-pjanu. Emil kien idoqqu fis-2.00pm għax meta martu kienet ħajja, dak il-ħin li kienu jqattgħu flimkien hi u tisimgħu jdoqq. Emil kien grat tassew lejn Giorgio li żammlu l-moral għoli u li tah skop waqt dak iż-żmien fejn kien qed iħossu tassew waħdu u sensittiv.



Fl-aħħar ta' Frar, iż-żewġ pjanisti għamlu l-aħħar dwett flimkien għax Emil kien sejjer joqgħod x'imkien ieħor. Fl-14 ta' Marzu, Giorgio qasam ma' dawk li kienu jsegwuh fuq il-midja soċjali li Emil kien mar jingħaqad ma' martu. U kiteb hekk: 'Għażiż Emil, minkejja li ftit nafek, inti bdiltli ħajti. Tajtni lura l-imħabba tiegħi għall-mużika u qsamna dan mad-dinja permezz ta' TikTok. Se tibqa' f'qalbi. Jien se nibqa' ndoqq filwaqt li naħseb x'qawwa għandha l-mużika. Inti għidtli li jien kont dawl għalik imma int kont dawl għalija wkoll. Saħħa Emil.'

***Għemejjel sempliċi, imma ta' qawwa kbira***

Kemm hawn nies li b'affarijiet sempliċi kapaċi jġibu bidla fil-ħajja ta' ħaddieħor għax ikunu sensittivi għal dak li jkun qed jiġri madwarhom, għax ma jaħsbux li d-dinja ddur magħhom biss. Jekk il-ġenerożità mhix fil-karattru tagħna, irridu nagħmlu sforz biex nibdew naraw il-bżonnijiet tal-oħrajn, irridu nfakkru lilna nfusna li ħaddieħor ukoll għandu l-bżonnijiet tiegħu, li dak li nagħmlu mal-oħrajn mhux telf. Ġesù stess qalilna: *"Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi"* [Mt. 25, 40].

Ejja ma nibżgħux inkunu dawl għall-oħrajn b'mod speċjali f'dan iż-żmien. Ejja nibqgħu niddu bħall-kwiekeb fid-dinja sabiex bl-għemil tajjeb tagħna inġibu l-ferħ fil-ħajja ta' dawk ta' madwarna u nagħtu glorja lill-Missierna tas-sema għax inkunu qed inġibu ruħna tassew ta' aħwa.

**"Intom il-melħ tal-art. ...**
**Intom id-dawl tad-dinja. ...**
**Hekk għandu jiddi**
**d-dawl tagħkom**
**quddiem il-bnedmin,**
**biex jaraw**
**l-għemejjel tajba tagħkom**
**u jagħtu glorja**
**lil Missierkom**
**li hu fis-smewwiet."**
***[Mt. 5:13-16]***






***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Aidan Cassar Law
Jamie Cassar

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Catherine (k/a Katie) Busuttil
Marija Debono

***Nitolbu għalihom!***







Il-Ħamis 1 ta' April



**Ħamis ix-Xirka**
Fid-9:30am - Quddiesa mal-Arċisqof fil-Katidral tal-Imdina, li fiha jitbierku ż-Żjut Imqaddsa u jiġġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali. *Tixxandar fuq TVM2.*
***Mill-5:30pm sas-6:15pm: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat u qrar.***
Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija.
*Tixxandar online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*
***Mit-8:00pm sal-10:00pm: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat u qrar.***
Fl-10:00pm - Adorazzjoni minn quddiem l-Altar tar-Repożizzjoni.
*Tixxandar online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*

Il-Ġimgħa 2 ta' April



**Il-Ġimgħa l-Kbira**
***Mis-7:00am sa' 12:00pm: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat u qrar.***
Fis-2:30pm - Via Sagra.
Fit-3:00pm - Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej.
*Jixxandru online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*

Is-Sibt 3 ta' April

**Sibt il-Għid**
***Mis-6:30pm sat-7:45pm: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat u qrar.***
Fit-8:00pm - Funzjoni tal-Vġili tal-Għid.
*Tixxandar online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*

Il-Ħadd 4 ta' April



**L-Għid il-Kbir**
***Mit-8:00am sad-9:00am: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat u qrar.***
Fid-9:00am - Quddiesa solenni.
*Tixxandar online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*
***Mill-5:30pm sas-6:00pm: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat quddiem Ġesù Sagramentat espost fuq l-Altar kif ukoll għall-qrar.***

Mit-Tnejn 5 ta' April sas-Sibt 10 ta' April

**Jiem tal-Ottava tal-Għid**
***Mis-7:00am sas-7:30am: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat u qrar.***
***Mis-6:00pm sas-6:30pm: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat u qrar.***
Fis-6:30pm - Quddiesa
*li tixxandar online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*

Il-Ħadd 11 ta' April

**It-Tieni Ħadd tal-Għid - Festa tal-Ħniena Divina**
**JUM ĦAL SAFI - Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (423 sena) nhar it-13/04/1598**
***Mit-8:00am sad-9:00am: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat u qrar.***
Fid-9:00am - Quddiesa.
*Tixxandar online fuq il-facebook page tal-parroċċa.*
***Mill-5:00pm sas-6:00pm: Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat quddiem Ġesù Sagramentat espost fuq l-Altar kif ukoll għall-qrar.***

Il-Ħadd 18 ta' April

**It-Tielet Ħadd tal-Għid - *Jerġa' jibda l-Quddies miftuħ għall-Pubbliku fil-Knisja Parrokkjali:***
Fis-6:45am - Quddiesa; Fid-9:00am - Quddiesa;
Fl-10:30am - Quddiesa bil-Magħmudija; Fis-6:00pm - Quddiesa.

Il-Ħadd 25 ta' April

**Ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet.**